# PRIM’ AWLA
# Qorti Ċivili - Malta

## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta**
**tletin (30) ta’ Marzu 2021**

**Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 325/2021**

**Charles de Giorgio Limited (C 340)**

**Vs**

**Awtorita’ ta’ Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur**

**u**

**Direttur Ġenerali (Regolamenti Tekniċi)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors ippreżentat mis-soċjeta’ rikorrenti fit-3 ta’ Marzu 2021, fejn talbet lill-Qorti s-segwenti:

   *Illi s-soċjetàa rikorrenti, sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha tixtieq iżżomm lill-intimati, l-Awtorita' ta’ Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (l-‘Awtorita’) u lid-Direttur Ġenerali (Regolamenti Tekniċi) jew kwalunkwe waħda minnhom, milli:*

   ***Iżommu jew jipprojbixxu lis-soċjetà rikorrenti milli timporta, timmanifattura, tippakkja, tqiegħed fuq is-suq, tbiegħ jew tuża l-pestiċida ‘Pif Paf Mortein Powergard Mosquito & Fly Killer’, u/jew direttament jew indirettament joħorġu ordni jew ordnijiet ta’ product recall in toto jew in parte ta’ tali pestiċida.***

*Illi in vista tal-urġenza tal-każ u taċ-ċirkostanzi temporali tal-każ is-soċieta' rikorrenti titlob li din l-Onorabbli Qorti tilqa' provviżorjament din it-talba taħt kull provvediment li jidrilha opportun fiċ-ċirkostanzi.*

*Din it-talba qed issir għar-raġunijiet segwenti:-*

*Illi r-raġunijiet għall-ħruġ ta' dan il-mandat huma s-segwenti:*

1. *Illi s-soċjetà rikorrenti Charles de Giorgio Limited hija d-distributur lokali ta' varjeta' ta' prodotti domestiċi, inkluż tal-prodott rinomat 'Pif Paf Mortein Powergard Mosquito & Fly Killer' (PifPaf) u hija rreġistrata għal dan il-għan mal-Awtorita' intimata. Il-Prodott Biocidali in kwistjoni huwa wieħed mid-ditti ta' Reckitt Benckiser, kumpanija globalment magħrufa bħala l-manifattur ta' diversi prodotti domestiċi.*

2. *Illi bħala pestiċida, PifPaf għandu formulazzjoni kimika li tikkonsisti fit-tqabbil ta' dawk li jissejħu 'active substances' u oħrajn fi proporzjonijiet partikolari liema kimiċi huma maħsuba biex jagħmlu l-prodott effettiv fl-għan oriġinali tiegħu. Wieħed minn dawn l-imsejħa 'active substances' tal-PifPaf de quo huwa 'esbiothrin' li huwa preżenti fil-formulazzjoni fl-ammont negliġibbli ta' 0.11% u dan skont l-informazzjoni disponibbli fuq it-tikketta imwaħħla fuq il-kontenituri tal-PifPaf innifsu (hawnhekk annessa u mmarkata bħala 'Dokument CDG1').*

3. *Illi l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) kienet approvat l-użu ta' 'esbiothrin' fi prodotti bioċidali u kienet ippubblikat rapport għal dan il-għan (hawnhekk anness u mmarkat bħala 'Dokument CDG2').*

4. *Illi bħala parti tal-programm ta' reviżjoni tal-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea, 'esbiothrin' kien mertu ta' evalwazzjoni bħala 'active substance' mill-Biocidal Products Committee li huwa responsabbli skont Regolament (UE) Nru. 528/2012 dwar it-Tqegħid fis-Suq u l-Użu tal-Prodotti Bijoċidali (ir-'Regolamenti') għat-tħejjija tal-opinjoni tal-European Chemical Agency (ECHA) fuq l-approvazzjoni o meno ta' 'active substances' għall-użu f'pestiċidi hekk kif deskritt f'Anness V tar-Regolamenti.*

5. *Illi l-Biocidal Products Committee adotta l-opinjoni tiegħu fis-16 ta' Ġunju 2020 (l-'Opinjoni') (hawnhekk anness u mmarkata bħala 'Dokument CDG3'). Abbażi ta' din l-Opinjoni, u nonostante r-rakkomandazzjonii ta' WHO few 'esbiothrin', l-'active substance' in kwistjoni ma ġiex rakkomandat għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea.*

6. *Illi l-intimati għarrfu lis-soċjetà rikorrenti bl-Opinjoni permezz ta' korrispondenza elettronika datata l-14 ta' Diċembru 2020.*

7. *Illi in oltre, l-intimati infurmaw lis-soċjetà rikorrenti li d-deċiżjoni rigward l-għoti ta' perjodu ta' konċessjoni (period of grace) għat-tqegħid fis-suq u l-użu ta' ħħażniet eżistenti tal-PifPaf tittieħed ladarba l-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea tkun ifformalizzat u ppubblikat id-deċiżjoni tagħha.*

8. *Illi dan il-perjodu ta' konċessjoni jingħata ai termini l-Artikolu 52 tar-Regolamenti li jgħid hekk:*

   *[...] meta l-awtorità kompetenti jew, f'każ ta prodott bijoċidali awtorizzat fil-livell tal-Unjoni, l-Kummissjoni, tħassar jew temenda awtorizzazzjoni jew tiddeċiedi li ma ġġeddidhiex, għandha tagħti perjodu ta' konċessjoni għar-rimi, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' ħħażniet eżistenti għajr f'każijiet fejn jekk il-prodott bijoċidali jibqa' jitqiegħed fis-suq jew jintuża, jikkostitwixxi riskju mhux accettabbli għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambient.*

9. *Illi mid-diċitura tal-liġi huwa ċar dan il-perjodu ta' konċessjoni jingħata sakemm il-prodott bijoċidali "jikkostitwixxi riskju mhux aċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent'.*

10. *Illi, fil-fehma tas-soċjetà rikorrenti, il-konċentrazzjoni ta' esbiothrin fil-PifPaf huwa negliġibbli fil-kwantità u allura mhux ta' ħsara għall-bniedem, annimali jew l-ambjent.*

11. *Illi fil-fatt, sussegwentement għal-laqgħa virtwali nhar it-22 ta' Jannar 2021 u kif ukoll fl-iskambju ta' korrispondenza bejn il-partijiet (anness u mmarkat bħala 'Dokument CDG4' u 'Dokument CDG5'), l-intimati ikkonfermaw l-intenzjoni tagħhom li jagħtu perjodu ta' konċessjoni lis-soċjeta' rikorrenti fuq is-segwenti raġuni:*

    *due to the low concentration of the active substance present in the product, MCCAA intends to grant a period of grace for the disposal, making available on the market and use of existing stocks in line with Article 52 of Regulation (EU) No. 528/2012.*

12. *Illi din il-konċessjonini però hija limitata fis-sens li ma jħallix l-importazzjoni tal-PifPaf f'dan il-perjodu u tippermetti biss "għar-rimi, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' ħażniet eżistenti".*

13. *Illi kif diġàa rilevat mis-soċjetàa rikorrenti, l-'active substance' ta' 'esbiothrin' huwa preżenti fil-formulazzjoni kimika tal-PifPaf fl-ammont negliġibbli ta' 0.11 %. Għaldaqstant, is-soċjetà rikorrenti tħoss li fil-konfront ta' PifPaf, marka tant rinomata, għandha tapplika d-deroga f'Artikolu 11 tal-Att dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi li taqra kif ġej:*

    *Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' xi regolament magħmul skont dan l-Att li jirrestrinġi l-użu ta' xi sustanza attiva, id-Direttur jista', fua il-parir tal-Bord, jippermetti l-użu ta' kull tip ta' sustanza attiva misjuba f'ppestiċida għar-riċerka xjentifika ristretta, esperimentazzjoni jew żvilupp, u għall-użu ġenerali meta dawn is-sustanzi attivi jinsabu fi kwantitajiet żgħar ħafna fi prodotti u m'għandhomx effetti ta' ħsara fuq il-bnedmin, bhejjem jew l-ambient: id-Direttur jista' wkoll jippermetti l-użu ta' kull pestiċida f'ċirkostanzi eċċezzjonali, li jistgħu jeħtieġu l-użu ta' dawk il-pesticidi.*

*Għal kull buon fini, irid jingħad li din id-deroga tapplika b'mod awtonomu u separatament mill-għotja ta' perjodu ta' konċessjoni skont l-Artikolu 52 tar-Regolamenti.*

14. *Illi d-Direttur intimat jista' japplika din id-deroga f'tliet sitwazzjonijiet: (i) għar-riċerka xjentifika ristretta, esperimentazzjoni jew żżvilupp; (ii) għall-użu ġenerali meta dawn is-sustanzi attivi jinsabu fi kwantitajiet żgħar ħafna fi prodotti u m'għandhomx effetti ta' ħsara fuq il-bnedmin, bhejjem jew l-ambjent; u fl-aħħarnett (iii) f'ċirkostanzi eċċezzjonali, li jistgħu jeħtieġu l-użu ta' dawk il-pestiċidi.*

15. *Illi d-deroga tapplika fit-tieni sitwazzjoni jekk il-pestiċida jissodisfa żewġ kriterji kumulattivi u ċioe jekk l-'active substance' ikun preżenti f'ammont negliġibbli u jekk il-prodott ma jkollux effett ta' ħsara fuq il-bnedmin, bhejjem jew l-ambjent.*

16. *Illi għaldaqstant, PifPaf jinkwadra ruħu perfettament fil-parametri tal-Artikolu 11 tal-Att stante li 'esbiothrin' huwa preżenti fil-konċentrazzjoni ta' 0.11% biss fil-formulazzjoni kimika tiegħu u li in vista tal-ammont negliġibbli tal-'active substance' in kwistjoni u r-rakkomandazzjonijiet ta' WHO hekk kif surreferiti, PifPaf ma għandux effetti ta' ħsara fuq bnedmin, bhejjem jew l-ambjent.*

17. *Illi, fl-umli fehma tas-soċjeta' rikorrenti, l-intimati bilfors wasslu għall-istess konklużjoni ġaladarba kienu u għadhom disposti li jagħtu l-perjodu ta' konċessjoni skont l-Artikolu 52 tar-Regolamenti li jista' jingħata biss fil-każ li ma hemmx "riskju mhux aċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent.*

18. *Illi, għal dawn ir-raġunijiet, is-soċjetàa rikorrenti talbet lid-Direttur intimat biex japplika d-deroga ai termini l-Artikolu 11 tal-Att fil-konfront tal-PifPaf fl-ittra tagħha datata 25 ta' Jannar 2021 (diġà annessa u mmarkata bħala 'Dokument CDG4') stante li:*

> *[...] the concentration of esbiothrin in the Product does not exceed 0.11%. Such a negliġible quantity makes the Product the quintessential example of a biocidal product which may benefit from the exemption under Regulation 11 of the Act.*
>
> *Our client is also aware that the World Health Organisation had looked favourably on esbiothrin [...].*
>
> *On account of the negliġible quantity of esbiothrin present in the Product, and in view of the fact that exposure to negliġible quantities does not result in harmful effects to humans, animals or the environment, our client wishes to formally request the application of Regulation 11 of the Act to the Product*

19. *Illi ftit ġranet wara u fit-28 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni Ewropea ħħarġet deċiżjoni fejn sommarjament adottat l-Opinjoni surriferita f'paragrafu 5 u ma approvatx l-użu ta' esbiothrin (annessa u mmarkata bħala Dokument CDG6).*

20. *Illi għal raġunijiet mhux mgħarrfa lis-soċjetà rikorrenti, fir-risposta tagħhom datata 23 ta' Jannar 2021 (diġàa annessa u mmarkata bħala 'Dokument CDG5'), l-intimati sostnew li:*

    *With regards to Regulation 11 of the Pesticides Control Act (Cap. 430), as also mentioned in the reference text of the regulation, this derogation is intended for the use of pesticides for scientific research.*

21. *Illi dan huwa qari skorrett għall-aħħar tad-deroga ai termini l-Artikolu 11 tal-Att. F'dan il-lat, il-liġi hija skjetta u inekwivoka intant li tipprevedi l-applikazzjoni tad-deroga speċifikament u espressament għall-'użu ġenerali' bħal ma qiegħda titlob is-soċjetà rikorrenti fir-rigward tal-PifPaf in kwistjoni. Wara kollox, ubi lex voluit lex dixit, u f'dan il-każ hekk sar.*

22. *Illi fl-1 ta' Frar 2021 s-soċjetà rikorrenti interpellat lill-intimati biex jerġgħu jikkunsidraw il-pożizzjoni tagħhom fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 11 tal-Att (annessa u mmarkata bħala 'Dokument CDG6') fejn għal fini ta' kjarezza ġie spjegat b'mod ampju l-ambitu tad-deroga de quo.*

23. *Illi fil-5 ta' Frar 2021, l-intimati kitbu lura lis-soċjeta' rikorrenti u spjegaw li ser ikunu qed jikkonsultaw fuq il-kwistjoni mal-Pesticides Control Board (ara e-mail anness u mmarkat bħala 'Dokument CDG7').*

24. *Illi fil-22 ta' Frar 2021, l-intimati reġgħu kitbu lis-soċjetà rikorrenti u hemżu "Consultation Document" li l-intimati bagħtu lill-Pesticides Control Board (ara e-mail anness u mmarkat bħala 'Dokument CDG8' u l-Consultation Document anness u mmarkat bħala 'Dokument CDG9'). Dan il-Consultation Document kien datat 8 ta' Frar 2021, iżda ġie mgħoddi lis-soċjetà rikorrenti biss fit-22 ta' Frar 2021.*

25. *Illi fit-2 ta' Marzu 2021 l-intimati nfurmaw lis-soċjeta' rikorrenti li t-talba tagħhom għall-applikazzjoni tad-deroga taħt l-Artikolu 11 tal-Att ma ġietx milqugħa (ara e-mail anness u mmarkat bħala 'Dokument CDG10') iżda reġgħu tennew li l-Awtorita' intimata ser tagħti perjodu ta' konċessjoni skont l-Artikolu 52 tar-Regolamenti.*

26. *Illi, fl-umli fehma tas-soċjetà rikorrenti, din id-deċiżjoni hija illegali u ultra vires u ser tikkaġuna preġudizzju rrimedjabbli lis-soċjetà rikorrenti.*

27. *Illi minħabba din id-deċiżjoni l-intimati sejrin biex illum jew għada joħorġu ordnijiet taħt l-istess Att jew ir-Regolamenti sabiex iżżomm lis-soċjetà rikorrenti milli timporta, timmanifattura, tippakkja, tbiegħ jew tuża PifPaf.*

28. *Illi kwalunkwe ordni hekk kif fuq imsemmija tirriżulta f'effetti kummerċjali u finanzjarji devastanti fuq is-soċjetà rikorrenti stante li s-suq għal PifPaf jiġi ddeċimat u jinqatel mil-lejl għan-nhar.*

29. *Illi s-soċjetà rikorrenti umilment tissottometti li, kif trid il-liġi f'Artikolu 873(3) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, hawn si tratta ta' preġudizzju fuq is-soċjetà rikorrenti li 'ser ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmum' u dan inter alia għas-segwenti raġunijiet:*

    a. *huwa inġust, inekwu u sproporzjonat li l-intimati jirrifjutaw li japplikaw d-deroga ai termini l-Artikolu 11 tal-Att dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi għall-PifPaf stante li tinsorġi ċar minn qari tal-liġi li d-deroga kienet intenzjonata speċifikament għal pestiċidi bħat-tali PifPaf;*

    b. *il-kwantita tal-esbiothrin fil-PifPaf hija negliġibbli u kważi ineżistenti u ċertament mhux ta' effett ta' ħsara lil bniedem għax kieku l-intimati ma kinux jagħtu l-perjodu ta' konċessjoni skont Artikolu 52 tar-Regolamenti;*

    c. *jekk il-PifPaf ma jibqax jiġi impurtat ser jiġi mmarġinalizzat mis-suq, u b'hekk il-brand u r-reputazzjoni tal-istess tintilef irrimedjabbilment għal dejjem b'dannu stratosferiku għas-soċjeta' rikorrenti;*

    d. *is-soċjetàa rikorrenti ser issofri danni kummerċjali u finanzjarji konsiderevoli fin-nuqqas tal-intimati jew kwalunkwe waħda minnhom li japplikaw d-deroga in kwistjoni.*

30. *Illi għal kull buon fini s-soċjetà rikorrenti mhux qiegħda tippretendi li l-intimati ma jieħdux konjizzjoni tad-deċiżjoni formali tal-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' 'esbiothrin' iżda biss li hija tingħata d-drittijiet tagħha in kwantu l-PifPaf ai termini tal-Artikolu 11 tal-Att dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi.*

2. Rat illi fit-3 ta' Marzu 2021, il-Qorti laqgħet il-Mandat provviżorjament u appuntatu għas-smiegħ għat-22 ta' Marzu 2021 fil-11.00 am.

3. Rat illi fit-12 ta' Marzu 2021, l-Awtorita' u Direttur Ġenerali intimati rrispondew għal dak mitlub billi oġġezzjonaw għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni, u dana għar-raġunijiet segwenti:

***Fatti***

1. *Illi kif ġie ikkonfermat mis-soċjetà rikorrenti fir-rikors promotur tagħha, Pif Paf Mortein Powergard Mosquito & Fly Killer (PifPaf) huwa prodott bijoċidali li fih is-sustanza attiva 'esbiothrin' fi kwantita ta' 0.11%.*

2. *Illi huwa fatt magħruf li l-prodotti bijoċidali huma meħtieġa għall-kontroll ta' organiżmi li huma ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali u għall-kontroll ta' organiżmi li jikkawżaw ħsara lill-materjali naturali jew manifatturati. Madankollu, il-prodotti bijoċidali jistgħu joħolqu riskji għall-bnedmin, l-annimali u l-ambjent minħabba l-proprjetajiet intrinsiċi tagħhom u l-modi ta' użu assoċjati magħhom.*

3. *Illi wara l-adozzjoni tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fuq is-suq tal-prodotti bijoċidali ("Direttiva 98/8/KE"), il-Kummissjoni Ewropea bdiet taħdem fuq programm ta' ħidma għall-eżami sistematiku tas-sustanzi attivi kollha diġà fis-suq.*

4. *Illi d-Direttiva 98/8/KE ġiet sostitwita bir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ("Regolament UE Nru 528/2012") u l-programm ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni li beda taħt id-Direttiva 98/8/KE kompla taħt ir-Regolament UE Nru 528/2012.*

5. *Illi għal dan il-għan ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni UE Nru 1062/2014 imbagħad jistabbilixxi lista ta' sustanzi attivi eżistenti li jridu jiġu evalwati biex possibbilment jiġu approvati għall-użu fil-prodotti bijoċidali. Dik il-lista tinkludi s-sustanza attiva 'esbiothrin'.*

6. *Illi in segwitu għall-evalwazzjoni ta' sustanza attiva, il-Kummissjoni Ewropea tadotta jew regolamenti ta' implimentazzjoni li jipprovdu li sustanza attiva hija approvata jew deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni li jiddikjaraw li sustanza attiva mhijiex approvata għal-użu fi prodotti bijoċidali fl-Unjoni Ewropea.*

7. *Illi fil-11 ta' Jannar tas-sena 2017, l-iStat Membru relatur, maħtur sabiex jevalwa s-sustanza attiva ebiothrin (il-Ġermanja) issottometta l-assessment report fuq is-sustanza attiva 'esbiothrin' lill-European Chemical Agency (anness u mmarkat bħala 'Dokument MCCAA1').*

8. *Illi minn din l-evalwazzjoni ħareġ biċ-ċar li s-sustanza attiva 'esbiothrin' hija tossika, tagħmel ħsara lin-nervituri u lill-ġilda u taf tagħmel ħsara għat-tarbija fil-ġuf.*

9. *Illi tali evalwazzjoni ħadet konjizzjoni ta' studji preċedenti fuq l-'esbiothrin' inkluż dak tal-WHO li għalih saret referenza mis-soċjetà rikorrenti fir-rikors tagħha.*

10. *Illi ta' min josserva ukoll li filwaqt li r-rapport tal-WHO huwa bbażat fuq madwar 32 studju datati minn 1979 san-1992, ir-rapport tal-iStat Membru relatur huwa bbażat fuq madwar 300 studji datati minn 1978 sa l-2009.*

11. *Illi sussegwentament, il-European Chemical Agency ('ECHA') issottomettiet din l-evalwazzjoni lill-Biocidal Products Committee għall-opinjoni tiegħu.*

12. *Illi l-Biocidal Products Committee fl-opinjoni tiegħu ta' 16 ta' Ġunju 2020 (annessa u mmarkata bħala 'Dokument MCCAA2') laqa' r-rapport tal-iStat Membru relatur fuq is-sustanza attiva 'esbiothrin' u kkonkluda li:*

    *"risks for human health due to secondary exposure to the generated photometabolities are considered as not acceptable and cannot be mitigated. Overall, no safe use could be identified."*

13. *Illi pero', minkejja l-konklużjonijiet tal-Biocidal Products Committee, f'dak il-mument, is-sustanza kienet għadha titqies 'taħt evalwazzjoni' stante li l-Kummissjoni Ewropea kienet għadha ma ħaditx deċiżjoni dwar jekk tapprovax jew le s-sustanza attiva 'esbiothrin' a bażi ta' tali rapport.*

14. *Illi skont l-Artikolu 89 tar-Regolament UE Nru 528/2012, sakemm għadha qed tiġi eżaminata sustanza attiva, kull Stat Membru jista' jawtorizza prodotti bijoċidali skont il-liġijiet nazzjonali tiegħu.*

15. *Illi in linea mar-regolament 5(1) tar-Regolamenti dwar Prodotti Bijoċidali (Implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru. 528/2012) (L.S 430.09), fit- 3 ta' Ottubru 2016, is-soċjetà rikorrenti kienet innotifikat il-prodott bijoċidali PifPaf mad-Diviżjoni dwar Regolamenti Tekniċi fi ħdan l-Awtorita' mittenti, liema notifika ġiet mġedda fit-8 ta' Mejju 2019. Riċentement, fit-26 ta' Ottubru 2020, is-soċjeta' rikorrenti applikat mill-ġdid sabiex iġġedded in-notifika tagħha għall-prodott PifPaf (notifiki anessi u mmarkati bħala 'Dokument MCCAA3').*

16. *Illi ġaladarba il-Kummissjoni Ewropea kienet għadha ma ddeċidietx jekk tapprovax jew le s-sustanza attiva 'esbiothrin', l-esponenti awtorizzaw l-importazzjoni u t-tqegħid fuq is-suq Malti tal-prodott bijoċidali PifPaf, iżda avżaw ukoll lis-soċjeta' rikorrenti li din l-awtorizzazzjoni għandha tibqa' fis-seħħ BISS sakemm il-Kummissjoni Ewropea tieħu u tippubblika deċiżjoni fir-rigward tas-sustanza attiva 'esbiothrin' (ara korrispondenza bl-email annessa u mmarkata bħala 'Dokument MCCAA4').*

17. *Illi a bażi tal-opinjoni tal-European Chemical Agency/Biocidal Products Committee, fit-28 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni Ewropea adottat Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/98 li ma tapprovax 'esbiothrin' bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 peress li fil-valutazzjoni tar-riskju għas-saħħa ġew identifikati riskji inaċċettabbli (deċiżjoni annessa u mmarkata bħala 'Dokument MCCAA5').*

18. *Illi skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament UE Nru 528/2012, l-Kummissjoni Ewropea setgħet, kieku dehrilha li r-riskju għall-bnedmin mill-esposizzjoni għas-sustanza attiva esbiothrin fi prodott bijoċidali huwa negliġibbli jew li n-nuqqas ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva jkollu impatti negattivi sproporzjonati għas-soċjeta' meta mqabbla mar-riskju għas-saħħa tal-bniedem, tapprova s-sustanza attiva esbiothrin b'kundizzjonijiet ta' mitigazzjoni tar-riskju. Madankollu, il-Kummissjoni Ewropea iddeċidiet li ma tapprovax is-sustanza attiva esbiothrin mingħajr ebda riserva jew kundizzjoni.*

19. *Illi skont il-premessa (7) tar-Regolament UE Nru 528/2012, b'segwitu għal tali deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri, għandhom jagħtu, iħassru jew jimmodifikaw l-awtorizzazzjonijiet skont il-każ.*

20. *Illi fil-25 ta' Jannar 2021, is-soċjetà rikorrenti kienet saħqet mal-esponenti li fil-każ li l-Kummissjoni Ewropea ma tapprovax is-sustanza attiva 'esbiothrin', l-esponenti għandhom xorta waħda jħallu l-awtorizzazzjoni għall-importazzjoni u tqegħid fuq is-suq tal-PifPaf fis-seħħ billi tiġi applikata d-deroga taħt l-Artikolu 11 tal-Att dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi (Kap 430.), stante li l-kwantita' ta' 'esbiothrin' fil-PifPaf huwa biss ta' 0.11% u l-Artikolu 11 ta' dan jagħti s-setgħa lid-Direttur Ġenerali (Regolamenti Tekniċi) li: jippermetti l-użu ta' kull tip ta' sustanza attiva misjuba f'pestiċida għar-riċerka xjentifika ristretta, esperimentazzjoni jew iżvilupp, u għall-użu ġenerali meta dawn is-sustanzi attivi jinsabu fi kwantitajiet żgħar ħafna fi prodotti u m'għandhomx effetti ta' ħsara fuq il-bnedmin, bhejjem jew l-ambjent; In oltre, is-soċjeta' rikorrenti saħqet li f'kull każ, l-esponenti għandhom jagħtu perjodu ta' konċessjoni kif permess taħt l-Artikolu 52 tar-Regolament UE Nru 528/2012 (korrispondenza annessa u mmarkata bħala 'Dokument MCCAA6).*

21. *Illi permezz ta' korrispondenza bl-email datata 28 ta' Jannar 2021 (annessa u mmarkata 'Dokument MCCAA7'), l-esponenti ikkonfermaw l-intenzjoni tagħhom li jilqgħu t-talba tas-soċjetà rikorrenti għall-perjodu ta' konċessjoni għat-tqegħid fuq is-suq ta' stock eżistenti.*

22. *Illi permezz ta' korrispondenza bl-email datata 1 ta' Frar 2021 (annessa u mmarkata bħala 'Dokument MCCAA8') is-soċjetà rikorrenti, għal darb'oħra talbet sabiex jiġi applikat l-Artikolu 11 tal-Att dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi stante li għalkemm in-nota marġinali tal-Artikolu 11 taqra 'Użu ta' pestiċida għal riċerka xjentifika', mid-diċitura tal-liġi huwa kjarament ċar li d-Direttur Ġenerali jista' jawtorizza sustanza attiva ukoll għall-użu ġenerali.*

23. *Illi rigward dan il-każ, fis-26 ta' Frar 2021, l-esponenti issottomettew 'consultation document' lill-Bord għall-Kontroll tal-Pestiċidi stabbilit bl-artikolu 10 tal-Kap 430 tal-Liġijiet ta' Malta (anness u mmarkat bħala Dokument MCCAA9').*

24. *Illi għall-fini ta' transparenza, qabel ma ġie preżentat lill-Bord għall-Kontroll tal-Pestiċidi, dan il-'consultation document' intbagħat ukoll lis-soċjetà rikorrenti għas-sottomissjonijiet tagħha, liema sottomissjonijiet ġew trasmessi ukoll lill-Bord għall-Kontroll tal-Pestiċidi.*

25. *Illi in oltre, l-esponenti talbu wkoll għall-parir bil-miktub tal-Kummissjoni Ewropea kif ukoll tal-European Chemicals Agency u tal-Istat Membri l-oħra sabiex jikkonfermaw magħhom li l-konklużjonijiet xjentifiċi tal-iStat relatur, l-opinjoni tal-Biocidal Products Committee, kif ukoll id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea japplikaw irrispettivament mill-kwantita' tas-sustanza attiva fil-prodott speċifiku.*

26. *Illi kemm il-Kummissjoni Ewropea kif ukoll iċ-Chairperson tal-European Chemicals Agency u l-Istati Membri kollha li rrispondew ikkonfermaw bil-*

*miktub li d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li permezz tagħha s-sustanza attiva 'esbiothrin' ma ġietx approvata fl-Unjoni Ewropea tapplika irrispettivament mill-kwantita' eżistenti fil-formulazzjoni tal-prodott u li b'segwitu għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, l-ebda prodott li fih tali sustanza attiva ma jista' jibqa' jiġi importat u mqiegħed fuq is-suq Ewropew. (korrispondenza annessa u mmarkata bħala 'Dokument MCCAA10').*

27. *Illi fl-umli fehma tal-esponenti, l-Artikolu 11 tal-Att dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi (Kap. 430) japplika biss sakemm ma hemmx xi regolament magħmula taħt 1-Att li jirristringu l-użu ta' xi sustanza attiva.*

28. *Illi fil-fatt, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li permezz tagħha ma ġietx approvata is-sustanza attiva 'esbiothrin' hija Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni taħt ir-Regolament (UE) Nru. 528/2012, liema regolament ġie implimentat fil-liġi Maltija permezz tar-Regolamenti dwar Prodotti Bijoċidali (Implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru. 528/2012) (L.S 430.09) u ċioe' permezz ta' regolamenti magħmula taħt l-Att dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi.*

29. *Illi fl-umli fehma tal-esponenti, l-Artikolu 11 tal-Att dwar Il-Kontroll tal-Pestiċidi m'għandux jiġi applikat fil-kuntest ta' sustanza attiva li fir-rigward tagħha ttieħdet Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea u għalhekk irrispettivament minn x'tgħid u tippermetti il-liġi nazzjonali fil-kuntest ta' approvazzjoni ta' pestiċidi fuq livell lokali, ġaladarba il-Kummissjoni Ewropea ħadet deċiżjoni sabiex ma tapprovax is-sustanza attiva 'esbiothrin' fl-Unjoni Ewropea, Malta bħala Stat Membra ma tistax tinjora tali deċiżjoni u tkompli tippermetti l-importazzjoni ta' prodotti bijoċidali li fihom is-sustanza attiva 'esbiothrin'.*

30. *Illi b'mod sussidjarju, jingħad illi l-interpretazzjoni tal-artikolu 11 da parti tar-rikorrenti hija inkorretta, u loġikament insostenibbli. Skont is-soċjeta' rikorrenti l-esponenti jistgħu japplikaw id-deroga għall-'użu ġenerali', li għalihom hija l-istess ħaġa bħal użu kummerċjali. Din l-interpretazzjoni, bl-akbar rispett, hija priva minn kull loġika legali. Dan għaliex, xi skop ikollha liġi li tippermetti l-applikazzjoni diskrezzjonali ta' loġika għar-riċerka xjentifika ristretta, imma fl-istess artikolu, tkun tħalli l-użu ġenerali ossia billi prodott jitqiegħed fis-suq. X'sens jagħmel li wieħed jirraġuna illi l-liġi trid li jekk tingħata deroga, l-iskop ta' riċerka jkun ristrett, imma fl-istess ħin il-prodott jista' jiġi distribwit fis-supermarkets? Iġifieri, anke jekk għas-saħħa tal-argument m'hemm xejn li jipprevjeni lill-esponenti milli japplikaw id-deroga taħt l-Artikolu 11 tal- Kap. 430, huwa ċar li fl-ispirtu tal-liġi din id-deroga hija intiża sabiex tiġi użata b'mod ristrett u f'ċirkostanzi eċċezzjonali, u dan meta is-sustanza attiva mhux projbita fis-suq Ewropew.*

31. *Apparti dan, l-artikolu 11 huwa ċar li d-deċiżjoni o meno dwar id-deroga hija waħda assolutament diskrezzjonali u s-soċjeta' rikorrenti ma tistax tisforza t-teħid ta' deċiżjoni kompletament diskrezzjonali tramite xi mandat jew azzjoni oħra.*

32. *Illi l-Awtorita' esponenti, bħala l-Awtorita' kompetenti f'Malta għall-kontroll tal-pestiċidi għandha l-obbligu li timplimenta u tenforza d-deċiżjoni tal-*

*Kummissjoni Ewropea u jekk tiġi inibita milli tagħmel dan, kemm l-Awtorita' u kemm Malta bħala Stat Membru jkunu qed jiksru l-obbligi Ewropej tagħhom.*

33. *Illi għar-raġunijiet suesposti u fuq parir tal-Bord għall-Kontroll tal-Pestiċidi, 1-esponenti permezz tal-imejl tal-Uffiċjali tagħhom tat-2 ta' Marzu 2021 li għandha delega bil-miktub mid-Direttur Ġenerali (Regolamenti Tekniċi) sabiex tawtorizza pestiċidi (annessa u mmarkata bħala 'Dokument MCCAA11') innotifikat lis-soċjeta' rikorrenti li l-awtorizzazzjoni tal-prodott bijoċidali li jikkontjeni s-sustanza attiva esbiothrin, (PifPaf) f'Malta ġiet revokata b'effett immedjat u għalhekk ma jista' isir l-ebda importazzjoni ta' tali prodott mid-data ta' tali revoka u l-prodott PifPaf ma jistax jibqa' jiġi mqiegħed fuq is-suq Malti wara l-perjodu ta' konċessjoni (deċiżjoni anessa u mmarkata bħala 'Dokument MCCAA12').*

34. *Illi fis-sustanza din id-deċiżjoni hija waħda ta' revoka ta' awtorizzazzjoni preċedenti li permezz tagħha ġiet implimenta deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea in toto li ta' bilħaqq hija direttament applikabbli għal Malta u l-unika mod kif is-soċjeta' rikorrenti tista' tiġi eżentata minn tali deċiżjoni huwa li d-Direttur Ġenerali, li kieku jista', japplika id-deroga taħt Artikolu 11 tal.Kap 430.*

***Ir-revoka tal-awtorizzazzjoni għall-importazzjoni u tqegħid fuq is-suq tal-PifPaf hu fatt kompjut u għalhekk l-Awtorita u d-Direttur Ġenerali (Regolamenti Teknici) intimati ma jistgħux jiġu inibiti milli jagħmlu dak li diġa' sar.***

35. *Illi, fir-rigward tal-fatt kompjut. fid-digriet mogħti mil-Prim' Awla fit-23 ta' Lulju 2001 fl-ismijiet James Pearsall nomine vs Maurice Zarb Adami, wara li l-Qorti eżaminat sew l-import legali tal-artiklu 872 waslet għal din il-konklużjoni: "Illi minn dawn id-disposizzjonijiet jirriżulta li l-iskop tal-istess proċedura odjerna hija li l-Qorti twaqqaf xi ħaġa milli ssir li tista' toħloq preġudizzju għar-rikorrenti u allura jsegwi li la darba jiġi ppruvat li dik il-ħaġa li qed tiġi ttentata li tiġi inibita milli ssir, fil-fatt tkun diġa' saret, din il-proċedura ma tkunx tista' tirnexxi għax l-iskop tagħha jkun ġie vanifikat."*

36. *Illi, l-Artikolu 873 (1) tal-KAP 12 jistupula li "l-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat".*

37. *Illi, d-diċitura tal-istess artikolu turi li l-mandat jintlaqa' biss f'każijiet fejn jkun jeħtieġ li persuna tinżamm milli tagħmel kwalunwke ħaġa li tkun ta' preġudizzju u mhux treġġa' lura fatt jew ħaġa li tkun ġia saret, jew inkella biex tiġi sfurzata toħroġ esenzjoni jew deroga minn deċiżjoni li diġa' ttieħdet. Għalhekk, persuna ma tistax tkun miżmuma milli tagħmel xi ħaġa li tkun ġia saret fatt kompjut.*

38. *Illi, qiegħed jiġi rilevat li r-revoka tal-Awtorizzazzjoni għall-importazzjoni u tqegħid fuq is-suq li biha ġie projbit l-importazzjoni tal-prodott bijoċidali PifPaf hu fatt kompjut u għalhekk l-Awtorita' u d-Direttur Ġenerali (Regolamenti Tekniċi) intimati ma jistgħux jiġu inibiti milli jagħmlu dak li*

*diġa' sar u dan a bażi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea (UE) 2021/98.*

39. *Illi l-Onorabbli Qorti fid-digriet tagħha (Mandat ta' Inibizzjoni numru 1125/2019 JVC) Newark School Malta Limited (C73894), Future Focus Limited (C27454) Vs. Direttorat Għal Kwalita' u Standards fl-Edukazzjoni u Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol kkunsidrat illi meta dipartiment tal-gvern ikkomunika deċiżjoni lill-persuna jew soċjeta' kkonċernata, il-Qorti ma tistax tirrevoka dak li ġia' kien ġie deċiż qabel ma ġie intavolat il-mandat ta' l-inbizzjoni.*

40. *Illi fil-każ odjern, l-uffiċjal tal-Awtorita' għan-nom tad-Direttur Ġenerali diġa' kkomunika l-pożizzjoni tad-Diviżjoni għar-Regolamenti Tekniċi u tal-Awtorita' u dan permezz tal-e-mail mibgħuta fit-2 ta' Marzu 2021, annessa bħala 'Dokument MCCAA12'. Għaldaqstant, minn naħa tal-esponenti m'għadx fadal x'isir ħlief li jittieħdu passi kriminali ai termini tal-Kap 430 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe' l-Awtorita' esponenti ma hijiex beħsiebha tenforza tali deċiżjoni qabel ma tieħu passi bil-Qorti.*

41. *Illi għalhekk, jirriżulta biċ-ċar, li l-ħaġa li r-rikorrent qiegħed fis-sustanza jittenta sabiex jinibixxi, ċioe r-revoka tal-awtorizzazzjoni għall-importazzjoni u tqegħid fuq is-suq tal-prodott PifPaf hija fatt kompjut u għalhekk din il-proċedura ma tistax tirnexxi u per konsegwenza, dan il-mandat m'għandux jintlaqa'.*

42. *Tabilħaqq, ta' min jiġbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti għall-fatt illi is-soċjeta' rikorrenti qiegħda tippretendi illi d-Direttur Ġenerali għandu japplika deroga jew eżenzjoni minn deċiżjoni meħuda biex il-prodott mertu tal-mandat ma jiġix importat. Din id-deċiżjoni diġa' ittieħdet, u l-ilment tar-rikorrenti ma huwiex minn din id-deċiżjoni, imma mill-fatt illi d-Direttur Ġenerali ma applikax deroga (jew eżenzjoni) minn dik id-deċiżjoni. Is-soċjeta' rikorrenti qiegħda tippretendi illi d-Direttur Ġenerali għandu joħroġ deroga mid-deċiżjoni diġa' meħuda, u allura taħt il-kappa ta' din il-pretensjoni, talbet il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni biex ma titteħidx deċiżjoni li diġa' ttieħdet. Il-mandat ta' inibizzjoni ma huwiex mandat 'di fare', imma huwa mandat 'di non fare' - u hawnhekk temerġi t-taħbila proċedurali li xxejjen dan il-mandat. Għaliex ir-rikorrenti għandha pretensjoni kontra l-esponenti biex 'jagħmlu xi ħaġa' kontra deċiżjoni diġa' meħuda, u biex jikkawtela dik il-pretensjoni, qiegħda titlob ordni tal-Qorti biex l-esponenti 'ma jagħmlux' xi ħaġa li effettivament diġa' saret. Kieku d-deċiżjoni tal-esponenti ma tteħditx diġa' (fatt kompjut), kieku ma kienet titwieled qatt il-pretensjoni tar-rikorrenti biex tiġi applikata deroga. Deroga minnha nnifisha ssir minn deċiżjoni meħuda, u mhux minn deċiżjoni li ma tteħditx. Hawnhekk allura l-mandat ma jistax jintlaqa' għaliex: (i) is-soċjeta' rikorrenti qiegħda titlob l-inibizzjoni ta' fatt kompjut; (ii) il-pretensjoni tad-deroga minnha nnifisha hija ex admissis talba biex l-Awtorita' tidderoga minn deċiżjoni meħuda. Kieku d-deċiżjoni għadha ma tteħditx, il-pretensjoni ma kenitx tkun għal deroga, imma biex id-deċiżjoni tittieħed kif irid ir-rikorrenti.*

*Illi strettament mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-fehma tal-esponenti ma jissussistux l-elementi neċessarji sabiex jinħareġ il-mandat ta' inibizzjoni odjern u dan għar-raġunijiet segwenti:*

***Rekwiżiti tal-Mandat ta' Inibizzjoni***

43. *Illi skont l-Artikolu 873(1) tal-Kap 12. l-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*

44. *Illi mbagħad mill-Art.873(2) joħorġu żewġ elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa. Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jrid juri li l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu jeddijiet li jippretendi li għandu, u fit-tieni lok, irid jipprova li prima facie għandu dawn il-jeddijiet.*

45. *Illi mbagħad skont l-Artikolu 873(3), fil-każ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-Gvern jew awtorita' mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, iridu jiġu sodisfatti s-segwenti elementi oħra:*

    i. *li l-awtorita' jew il-persima li kontra tagħha jintalab il-mandat tkun trid tikkonferma fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir;*

    ii. *il-Qorti trid tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma.*

46. *Illi għalhekk skont l-Aritkolu 873 tal-Kap. 12, sabiex ikun jista' jinħareġg il-Mandat ta' Inibizzjoni kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, jridu jiġu sodisfatti l-elementi kollha rikjesti b'mod kumulattiv fis-subinċiżi (1), (2) u (3) tal-imsemmi artikolu.*

47. *Illi kif ġie ritenut fil-provvediment fl-ismijiet Federation of English Language Teaching of Malta (FELTOM) et vs Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima et deċiża fid-9 ta' Ġunju 2016:*

    *"Minn analiżi tas-subinċiżi (1), (2) u (3) tal-Art 873 tal-Kap 12 kif inhuma wieħed isib illi din il-Qorti hija prekluża milli tordna l-ħruġ tal-Mandat kontra l-Ministri ntimati - jew min minnhom - kif qegħdin jirrikjedu r-rikorrenti, sakemm ma jirrikorrux dawn ir-rekwiżiti :-*

    i. *Il-Mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti;*
    ii. *Illi r-rikorrenti prima facie jidher li għandhom dawk il-jeddijiet;*
    iii. *Illi jrid ikun hemm konferma mill-intimati fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li tagħha qed tintalab iż-żamma tkun fil-fatt maħsuba li ssir;*
    iv. *Illi l-qorti tkun sodisfatta li l-preġudizzju li jinħoloq lir-rikorrenti, kemm-il darba ma jinħariġx il-Mandat, ikun sproporzjonat meta*

*mqabbel ma' l-istess għemil tal-ħaġa li r-rikorrenti jitolbu li tiġi miżmuma."*

48. *Illi kif ġie ritenut fil-provvediment Baskal Farrugia et vs Brigitte Farrugia et, seduta tal-15 ta' Lulju 2011 " fl-applikazzjoni tal-Liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat il-Qorti għandha tuża interpretazzjoni restrittiva. Dan għaliex il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni bħal kull mandat kawtelatorju jsir fi żmien meta l-pretensjom ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita."*

49. *Illi kif ġie wkoll ritenut diversi drabi mill-qrati nostrana, il-mandat ta' inibizzjoni "huwa mezz eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali u l-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli... It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża r-rikorrenti, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li 1-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat"*

### *Jedd Prima Facie*

50. *Illi r-rikorrent jrid juri li mad-daqqa t'għajn (prima facie), għandu jedd x'jikkawtela.*

51. *Illi kif intqal fis-sentenza Carmela Walsh et vs Robert Brincau Mark Faenza (Mandat Inibizzjoni 734/2020/1 LM), "...billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun fil-mertu, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher", fi kliem l-istess liġi, mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun, jiġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli." Illi di piu', dan ir-rekwiżit "...huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat".*

52. *Di piu', kif ġie ritenut fis-sentenza ċitata hawn fuq, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher", fi kliem l-istess liġi, mal-ewwel daqqa t'għajn, li għandu raġun. Fil-każ odjern, l-esponenti aġixxew abbażi ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li ma tapprovax is-sustanza attiva 'esbiothrin' għall-użu fis-suq Ewropew. Fuq kollox, għax kif ġie rilevat mill-istudji, tali sustanza tagħmel ħsara lill-bnedmin.*

53. *Illi minkejja id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, is-soċjeta' rikorrenti talbet lid-Direttur Ġenerali (Regolamenti Tekniċi) sabiex japplika d-deroga taħt l-artikolu 11 tal-Kap 430 tal-Liġijiet ta' Malta u jkompli jippermetti l-importazzjoni u tqegħid fis-suq tal-prodott PifPaf. Liema deroga hija d-diskrezzjoni totali tad-Direttur Ġenerali u għaldaqsant ma jistax jingħad li a bażi ta' dan, is-soċjeta' rikorrenti għandha jedd oġġettiv prima facie sabiex tkompli timporta u tqiegħed fuq is-suq prodott li fih sustanza attiva li ma ġietx approvata għal-użu fis-suq Ewropew.*

54. *Illi jingħad ukoll illi s-soċjeta' rikorrenti kienet taf li is-sustanza attiva li tinstab fil-prodott PifPaf kienet qiegħda taħt eżami mill-European Chemical Agency u li dan jaf iwassal biex tali sustanza ma tiġix approvata mill-Kummissjoni Ewropea. Għaldaqstant is-soċjeta' rikorrenti kellha biżżejjed żmien biex tieħu passi biex timmitiga r-riskji kummerċjali tagħha.*

55. *Illi dan ċertament ma jsarrafx f'jedd oġġettiv u għaldaqstant s-soċjeta' rikorrenti ma tistax titlob il-ħruġ ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni għaliex hi ma għandha l-ebda jedd lanqas mad-daqqa t'għajn (prima facie) biex tkompli timporta il-prodott bijoċidali PifPaf.*

56. *Illi di piu, kull importazzjoni tal-prodott PifPaf wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea huwa illegali u għalhekk b'referenza għad-digriet tal-Qorti tal-20 ta' Novembru 2014 fl-ismijiet John Mary sive Jimmy Vella et vs. l-Awtorita' tal-Ambjent u l-Ippjanar f'Malta (Mandat Nru 295/2014 SM) "l-ebda stat ta' illegalita' espressa ma' tista' tagħti lok għal xi dritt kweżit li permezz tiegħu r-rikorrent odjern jista' jippretendi li l-illegalita' insita' li jinsab fiha tagħtih xi drittijiet, u dan ukoll għaliex ex turpi causa non oritur actio"*

57. *Illi ukoll, kif ġie ritenut mil-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza Tarcisio Borg vs. Onor. Prim Ministru et (App. Kost. Nru 61/2011) deċiza fit-12 ta' Jannar 2015, "Jekk, f'dan l-istadju, l-attur jitħalla, issa b'mandat kawtelatorju, jwaqqaf it-twettiq tal-avviż u hekk ikompli jtawwal aktar iż-żmien biex tiġi rimedjata l-illegalita milquta bl-avviż, b'hekk tiġi mxekkla aktar milli huwa xieraq l-awtorita' fdata bil-ħarsien tal-liġijiet tal-ippjanar fil-qadi tad-dmir pubbliku tagħha. Il-liġi ma hijiex maħsuba u ma għandhiex tiġi interpretata b'mod illi tgħin lil min jinsab fi stat ta' illegalita jkompli jgawdi minn dik l-illegalita' u illi tiffrustra lil min għandu d-dmir li jara li l-liġi titwettaq."*

58. *Illi, għalhekk fl-umli fehma tal-esponenti l-element ta' jedd prima facie rikjest għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni ma ġiex sodisfatt mis-soċjeta' rikorrenti.*

*Il-mandat mhux meħtieġ*

59. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke jekk dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara li s-soċjeta' rikorrenti għandha dritt prima facie x'jikkawtela, xorta waħda huwa evidenti li l-mandat mhuwiex meħtieġ biex jitħares dan il-jedd.*

60. *Illi kif intqal diversi drabi minn din l-Onorabbli Qorti inkluż fil-provvediment tagħha fl-ismijiet AJD Tuna Limited (C26300) vs Direttur Ġenerali Sajd u Akwakultura u Avukat tal-Istat [Mandat Nru 49/2020 RGM], deċiza fis-7 ta' Frar 2020 "l-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa mal-fatt jew il-ħsara li minnha l-parti tar-rikorrenti tilmenta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu jiġi nieqes it-tieni element għall-ħruġ tal-mandat. Hija ġurisprudenza kostanti tal-Qrati nostrana li r-rekwiżit li l-mandat ikun meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-*

*rikorrenti, mhuwiex sodisfatt f'każ illi l-pretensjoni tar-rikorrenti hija ntiża sabiex tirkupra danni. Jiġifieri jekk sitwazzjoni tista' tiġi rimedjata b'azzjoni għar-riżarċiment għad-danni allura l-ħruġ tal-mandat ma jibqax iktar neċessarju u impellenti".*

61. *Illi kif intqal ukoll fid-digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Computime Limited vs. Malta Information Technology Agency et deċiż fl-14 ta' Diċembru 2012, "Ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċioe' telf ta' qliegħ jew flus"*

62. *Illi skont l-insenjament mogħti fid-digriet tat-13 ta' Mejju 2014 fl-ismijiet Francis Barbara et vs. Carmelo Barbara et (Mandat Nru 390/2014 JRM) "Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi.".*

63. *Di piu, il-Qorti, fil-kawża fl-ismijiet Angelo Xuereb et noe vs. Marin Hili et noe (Rik Nru 3135/94) spjegat li "il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-Art. 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens li mhux biss jikkawża ħsara pero' li jikkawża ħsara li m'hemmx alternattiva għalih almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata".*

64. *Illi fil-każ odjern, l-uniku telf li tista' ssofri s-soċjeta' rikorrenti jekk il-prodott PifPaf ma jibqax jiġi importat f'Malta mid-data tar-revoka tal-awtorizzazzjoni u ma jibqax mqiegħed fuq is-suq wara l-perjodu ta' konċessjoni huwa xejn ħlief telf pekunjarju konsistenti f'telf ta' profitti li l-kumpanija rikorrenti jista' jkun illi kienet ser tagħmel minn tali prodott.*

65. *Illi għalhekk, stante li l-preġudizzju li seta' inħolqilha s-soċjeta' rikorrenti bir-revoka tal-awtorizazzjoni għall-importazzjoni u tqegħid fuq is-suq tal-prodott bijoċidali PifPaf huwa wieħed pekunarju li ċertament ma jistax jitqies illi huwa irrimedjabbli.*

66. *Illi għaldaqstant, l-esponenti umilment jissottomettu li l-mandat mhux meħtieġ u għalhekk dan l-element rikjest mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni ma ġiex sodisfatt lanqas.*

*Preġudizzju Sproporzjonat*

67. *Illi fil-każ odjern huwa applikabbli wkoll l-Artikolu 873 (3) tal-Kap 12 u għalhekk is-soċjeta' rikorrenti trid tkun li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lilha ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma.*

68. *Illi ma ninsewx li hawnhekk si tratta dwar sustanza attiva li ġiet metikolożament analizzata mill-Ġermanja bħala l-iStat Membru relatur u nstabet li tagħmel ħsara lin-nervituri u lill-ġilda u taf tagħmel ħsara għat-tarbija fil-ġuf, tant li l-Kummissjoni Ewropea iddeċidiet li ma tapprovax tali*

*sustanza għall-użu fi prodotti bijoċidali fl-Unjoni Ewropea bla ebda kundizzjoni u riserva.*

69. *Illi mhux pruvat li tali sustanza attiva ma tagħmilx ħsara lil-bnedmin meta tinstab fi kwantita ta' 0.11%, hekk kif tinstab fil-prodott PifPaf.*

70. *Illi għalhekk meta wieħed jiżen il-preġudizzju li tista' ġġarrab is-soċjeta' rikorrenti li huwa xejn ħlief preġudizzju pekunarju ma dak li jista' jseħħ li kieku t-talba għall-ħruġ tal-Mandat kellha tintlaqa', il-preġudizzju li ser isofri il-pubbliku, stante li din is-sustanza ġiet pruvata li tagħmel il-ħsara, ha jkun wisq akbar minn dak li potenzjalment tista' ġġarrab is-soċjeta' rikorrenti.*

71. *Illi in oltre, jekk is-soċjeta' rikorrenti titħalla tkompli timporta tali prodott, l-iStat Malti ser ikun qiegħed imur kontra id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li permezz tagħha is-sustanza attiva 'esbiothrin' ma ġietx approvata biex tintuża fi prodotti bijoċidali fis-suq Ewropew. Dan jaf iwassal ukoll għall-sanzjonjiet minn naħa tal-Unjoni Ewropea fuq Malta talli mhijiex qiegħda tenforza l-liġijiet Ewropej.*

72. *Illi għalhekk, fil-każ odjern huwa ampjament ċar li l-preġudizzju serju li jista' jsofri l-Istat u s-saħħa tan-nies li kieku dan il-mandat jinħareġ anqas jibda ma' l-inkonvenjent pekunarju li tista' ssofri is-soċjeta' rikorrenti li kieku dan il-mandat ma jinħariġx, li tista', fuq kollox, timporta u tiddistribwixxi prodotti alternattivi li ma fihomx sustanzi attivi li jagħmlu ħsara lill-bniedem.*

*In konklużjoni jingħad illi:*

A. *Il-prodott PifPaf fih is-sustanza attiva 'esbiothrin', sustanza tossika li tagħmel ħsara lin-nervituri u lill-ġgilda u taf tagħmel ħsara għat-tarbija fil-ġuf. Dan ma ddeċidewhx l-esponenti, imma l-Kummissjoni Ewropeja. Il-Kummissjoni ma għamlitx riservi dwar jekk din is-sustanza hijiex aċċettabbli jekk tkun f'ammonti żgħar;*

B. *Ir-rikorrenti la għandu jedd prima facie, la għandu preġudizzju irrimedjabbli, u wisq anqas għandu dritt li fl-eżami tal-proporzjoni, jirbaħ hu, speċjalment hawnhekk meta qed nitkellmu fuq is-saħħa tan-nies li l-esponenti huma responsabbli jħarsu;*

C. *Se mai, id-deċiżjoni ttieħdet (fatt kompjut) u l-inibizzjoni huwa biex tiġi mwaqqfa deċiżjoni li diġa' ttieħdet abbażi ta' pretensjoni 'di fare' (u ċioe biex l-esponenti japplikaw id-deroga) li neċessarjament tinneċessita deċiżjoni meħuda diġa'.*

D. *Imbagħad, fil-meritu, l-applikazzjoni tal-Artikolu 11 huwa fakoltattiv u assolutament diskrezzjonarju, apparti l-fatt illi ċ-ċirkostanzi ma jippermettux l-applikazzjoni tad-deroga kif qegħdin jippretendu r-rikorrenti.*

4. Rat illi, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 199A tal-Kap 12, wara direzzjoni tal-Prim' Imħallef biex il-Qrati jillimitaw l-preżenza ta' nies fil-bini tal-Qorti biex nikkontjenu t-

tixrid tal-Covid 19, il-Qorti ordnat illi l-partijiet w il-konsulenti legali tagħhom jattendu għas-seduta li saret fil-Qorti stess, b'mod virtwali.

5. Semgħet l-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw il-każ fid-dettal quddiem dina l-Qorti, wara liema trattazzjoni, dina l-Qorti ddifferiet il-każ għal-digriet finali.

## <u>**Konsiderazzjonijiet legali**</u>

6. Jirriżulta illi, a tenur ta' l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak illi jżomm persuna jew entita' milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

7. Jirriżulta ukoll illi, a tenur ta' l-Artikolu 873(2) tal-Kap. 12, il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet.

8. Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għall-konsiderazzjonijiet magħmula minn dina l-Qorti, diversament ppresjeduta, fil-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1710/16 LM fl-ismijiet "**Mary Grace D'Amato vs Raymond Micallef et**" deċiż fis-16 ta' Diċembru 2016, fejn, dwar l-elementi rikjest għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, għamlet is-segwenti osservazzjonijiet eruditi:

> *Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:*
>
> *(1) <u>ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju ta' xi jedd tar-rikorrenti</u>: il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, l-hekk imsejjaħ periculum in mora.*
>
> *(2) <u>iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd</u>: tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-Artikolu 873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkun jista' jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ l-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall ħruġ tal-Mandat.*
>
> *Apparti minn dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċioè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-*digriet finali fl-ismijiet ***Francis Barbara et vs. Carmelo Barbara et*** *deċiża fit-13 ta' Mejju, 2014, per Onor. Imħallef J.R. Micallef:*
>
> > *"Tqis illi huwa wkoll miżmum li il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni*

> *meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi".*

*(3) <u>ikun jidher prima facie li r-rikorrent għandu dak il-jedd</u>: il-liġi tħares il-jedd prima facie bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk prima facie, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd prima facie, l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju, 1988 fil-kawża Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfré (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:*

> *"... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."*

*Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.*

*Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat ta'inibizzjoni, li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

*Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:*

*(4) <u>Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali</u>. Ara* **Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici** *mogħti fil-25 ta' Jannar, 2005 per Imħallef Joseph R. Micallef :*

*"il-ħarsien li l-liġi qiegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bħalma lanqas iffisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."*

*(5) "<u>Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn</u>. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqgħax għodda li tħares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din." Ara* **Avukat Dr John Gauci vs. Direttur tal-Kuntratti**, *Prim' Awla, 18 ta' Lulju, 2008.*

*(6) <u>Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi</u>. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.*

## <u>Konsiderazzjonijiet fattwali</u>

9. Jirriżulta, mid-dokumentazzjoni dettaljata ippreżentata mill-partijiet u t-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, illi s-soċjeta' rikorrenti, fit-3 ta' Ottubru 2016, għan-nom tas-soċjeta' estera Reckbitt Benckiser Ltd Egypt, kienet għarrfet lill-Awtorita' intimata, bħala l-Awtorita' kompetenti f'Malta għall-kontroll tal-pestiċidi f'Malta, illi l-prodott minnha mibjugħ bl-isem ta' Pif Paf Mortein Powerguard Mosquito and Fly Killer kellu fih prodott bijoċidali li fih is-sustanza attiva 'esbiothrin' fil-kwantita' ta' 0.11%.

10. Jirriżulta illi tali reġistrazzjoni kienet imġedda fuq talba tas-soċjeta' rikorrenti, fit-8 ta' Mejju 2019 u 26 ta' Ottubru 2020.

11. Jirriżulta illi, nel frattemp, abbażi tar-Regolament Ewropej Nru 568/2012 li jirregola t-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prodotti bijoċidali is-sustanza attiva 'esbiothrin' w ir-riskji tagħha bdew jiġu evalwati.

12. Jirriżulta illi wara studju magħmul mill-European Chemical Agency, l-Biocidal Products Committee , fis-16 ta' Ġunju 2020, wasal għal konklużjoni illi, dwar l-użu tal-ebiothrin, "overall, no safe use could be identified".

13. Jirriżulta illi, eventwalment, il-Kummssjoni Ewropea, fit-28 ta' Jannar 2021, addottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2021/98 fejn qalet illi ma tapprovax l-

'esbiothrin' bħala sustanza attiva fi prodotti għall-bejgħ peress illi kien hemm riskji inaċċettabbli għas-saħħa.

14. Jirriżulta illi, nelfrattemp, kienu għaddejjin diskussjonijiet bejn il-partijiet dwar il-posizzjoni tal-prodott PifPaf, in vista tal-kwistjoni relatata mal-użu tal-'esbiothrin', fejn, fost affarjiet oħra, is-soċjeta' rikorrenti talbet lill-Awtorita' intimata sabiex tagħmel użu mid-deroga lilha pprovduta fl-Artikolu 11 tal-Att dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi (Kap 430), in vista tal-fatt illi l-ammont kontenut fil-prodott PifPaf kien wieħed żgħir ħafna, ossija 0.11%.

15. Jirriżulta illi tali talba da parte tas-soċjeta' rikorrenti saret fil-25 ta' Jannar 2021, għal liema talba l-Awtorita' intimata rrispondiet fit -28 ta' Jannar 2021, fejn għarrfitha illi l-prodott 'esbiothrin' kien ġie mwaqqaf mill-Kummissjoni Ewropea u għalhekk ebda deroga ma setgħet issir.

16. Jirriżulta, madanakollu, illi l-istess Awtorita' intimata għarrfet lis-soċjeta' rikorrenti illi l-awtorita' kienet disposta tikkonċedi l-'period of grace' provduta fl-Artikolu 52 tar-Regolament 528/2012 għall-bejgħ tal-merkanzija preżentement fil-pussesss tas-soċjeta' rikorrenti.

17. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti, għal darba oħra, fl-1 ta' Frar 2021, filwaqt li aċċettat il-'grace period' liha mogħtija, talbet sabiex l-Awtorita' toħroġ deroga a tenur tal-Artikolu 11 tal-Kap 430, abbażi ta' l-istess argumentazzjoni ta' qabel, ossija illi l-kontenut negliġibbli ta' 'esbiothrin', għal liema rikjesta l-Awtorita' rrispondiet illi kienet ser tirreferi l-kwistjoni lill-Pesticides Control Board stabbilita a tenur tal-Kap 430.

18. Jirriżulta illi fit-8 ta' Frar 2021 l-Awtorita' bagħtet 'Consultation on the notification of the biocidal products 'Pif Paf' with the active substance esbiothrin in line with article 89 of Regulation (EU) No 528/2012' lill-Bord fejn spjegat ir-rikjesti tas-soċjeta' rikorrenti u talbet dirrezzjoni dwar jekk għandhiex tiġi revokata l-awtorizzazzjoni biex jinbiegħ il-prodott PifPaf u jingħata l-'grace period' ta' 180 ġurnata skond il-Liġi jew inkella jekk l-prodott jingħatax id-deroga a tenur tal-Artikolu 11 tal-Kap 430.

19. Jirriżulta illi fit-2 ta' Marzu 2021, l-Awtorita' għarrfet lis-soċjeta' rikorrenti s-segwenti:

> *Kindly be informed that the Pesticides Control Board has advised MCCAA to revoke the product notification with immediate effect and allow the maximum allowable period of grace in line with the requirements of the Biocidal Products Regulation, thus no new stock will be allowed to be imported after the revocation and the products will have to be removed from the market after 180 days.*
>
> *Please note that in view of the:*
>
> - *Pesticides Control Board advice,*
> - *Commission Implementing Decision (EU) 2021/98 of 28 January 2021 not approving esbiothrin as an existing active substance for use in biocidal products of product-type 18 irrespective of the concentration*

*present in the final product, and*

- *The lack of studies proving that at the concentration present in the final product has no harmful effect on humans, animals or the environment, the notification of the biocidal product Pif Paf is being revoked with Immediate effect. The maximum grace period permitted by Article 52 of Regulation (EU) No 528/2012 of 180 days for the making available on the market and an additional maximum period of 180 days for the disposal and use of existing stocks of the biocidal products concerned is being granted from the date of entry into force of Commission Implementing Decision (EU) 2021/98 i.e. 18$^{th}$ February 2021.*

*Please do not hesitate to contact us back should you require any clarification on the matter.*

20. Jirriżulta illi, wara tali komunikazzjoni, is-soċjeta' rikorrenti rrikorriet fil-Qrati u talbet u ottjeniet il-ħruġ provvizzorju tal-Mandat ta' Inibizzjoni odjern.

**Konsiderazzjonijiet legali**

21. Jirriżulta illi, permezz tal-proċeduri odjerni, is-soċjeta' rikorrenti qiegħda titlob lill-Qorti twaqqaf lill-Awtorita' u Direttur Ġenerali milli jżomm jew jipprojbixxi lis-soċjeta' rikorrent milli timporta, timmanifattura, tippakkja, tqiegħed fuq is-suq, tbiegħ jew tuża l-prodott PifPaf Mortein Powerguard Moqsuito & Fly Killer ġewwa Malta jew tordna product recall.

22. Jirriżulta illi, fis-seduta quddiem dina l-Qorti, l-intimati kkonfermaw illi ma kienux ser jagħmlu partial jew total product recall iżda li kienu ser jimxu abbażi ta' dak ġie deċiż fit-2 ta' Marzu 2021, ossija illi jirtiraw ir-reġistrazzjoni tal-prodott u jipprovdu 180 ġurnata għall-bejgħ tal-prodott li fadal.

23. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti tikkontendi illi d-deċiżjoni li jitwaqqaf il-prodott PifPaf kien riżultat ta' deċiżjoni nġusta, inekwa u sproporzjonata tal-intimati filwaqt illi insistew li jekk l-prodott ma jiġix impurtat, ser ikollhom danni 'stratosferiċi'.

24. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-intimati jikkontendu illi l-Mandat ta' Inibizzjoni sar b'mod tardiv, stante illi d-deċiżjoni ġia ttieħdet u huwa fatt kompjut u għalhekk il-ħruġ tal-Mandat huwa inutili. Jikkontendu wkoll illi l-preġudizzju tas-soċjeta' rikorrenti ma hijiex waħda irrimedjabbli filwaqt illi nsistew li d-dannu li s-soċjeta' rikorrenti tikkontendi li ser tiġi lilha rekata huwa dannu finanzjarju, li ma huwiex il-bażi għall-ħruġ tal-Mandat.

**Ikkunsidrat**

25. Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-proċess għall-evalwazzjoni tas-sustanza 'esiobthrin', u jekk dina tikkawżax dannu jew le, ilha għaddejja sa mis-sena 2017, meta bdew isiru l-istudji fuq rikjesta tal-Kummissjoni Ewropea.

26. Il-Qorti tosserva wkoll illi l-opinjoni li tali sustanza huwa ta' perikolu ngħatat uffiċjalment mill-*Biocidal Products Committee* fis-16 ta' Ġunju 2020 u eventwalment ġie adottat mill-Kummissjoni Ewropea fit-28 ta' Jannar 2021.

27. Il-Qorti, finalment tosserva illi d-deċiżjoni tal-Awtorita' intimata u d-Direttur Ġenerali (Regolamenti Tekniċi) ittieħdet fit-2 ta' Marzu 2021, ossija qabel il-ħruġ tal-Mandat odjern.

28. Jirriżulta illi d-deċiżjoni tal-intimati kienet meħuda abbażi tal-parir tal-Pesticides Control Board, tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropeja kif ukoll abbażi tan-nuqqas ta' studji li juru illi fil-konċentrazzjoni minima indikata mis-soċjeta' rikorrenti, l-użu ta' tali sustanza ma kinetx ta' perikolu għall-bnedmin u annimali.

29. Il-Qorti tosserva illi, filwaqt illi s-soċjeta' rikorrenti ma kellha ebda kontroll fuq id-deċiżjoni tal-*Pesticide Control Board* u tal-Kummissjoni Ewropeja, kien sta għas-soċjeta' rikorrent illi tipprovdi studji li juru li l-prodott tagħhom ma huwiex perikoluż, ħaġa illi hija naqset milli tagħmel.

30. Il-Qorti tosserva wkoll illi, minn imkien ma jidher li s-soċjeta' rikorrenti hija prekluża milli terġa' tapplika għall-ħruġ ta' l-awtorizzazzjoni għall-bejgħ wara illi tkun għamlet l-istudji meħtieġa biex jistabilixxu illi l-prodott tagħha ma huwiex ta' perikolu għall-bniedem jew jekk jinbidlu xi ingredjenti fil-prodott bħalma huwa 'esbiothrin'.

31. Il-Qorti, finalment, tosserva illi l-preġudizzju illi minnu tilmenta s-soċjeta' rikorrenti hija preġudizzju dettat mill-element ta' telf pekunjarju, ossija telf ta' qliegħ fil-bejgħ tal-prodott illi issa jer jiġi projbit milli jinbiegħ bil-kontenut tal-esbiothrin kif fih indikat.

32. Il-Qorti għalhekk tqis illi l-preġudizzju illi abbażi tagħha s-soċjeta' rikorrenti impostat l-azzjoni odjerna huwa preġudizzju strettament ta' dannu finanzjarju, liema dannu finanzjarju hija tista' tipproċedi dwaru b'azzjoni differenti mill-proċeduri odjerni u l-ħruġ o meno ta' tali Mandat bl-ebda mod ma jippreġudika d-dritt tas-soċjeta' rikorrenti għall-danni finanzjarji.

33. Finalment, il-Qorti tosserva illi t-talba tas-soċjeta' rikorrenti hija sabiex twaqqaf lill-intimati milli jieħdu deċiżjoni finali fil-konfront tal-ptodott PifPaf, liema deċiżjoni, madanakollu, kienet ġia ttieħdet u ġiet komunikata lis-soċjeta' rikorrenti li **<u>wara</u>** pproċediet biex titlob il-ħruġ ta' tali Mandat.

34. Għalhekk, il-Qorti tqis illi ma jeżistux l-ementi kollha meħtieġa mill-Liġi għall-ħruġ ta' tali Mandat ta' Inibizzjoni.

**Deċiżjoni finali**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti ppreżentati quddiemha u s-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri taż-żewġ partijiet;

Wara illi għamlet il-konsiderazzjonijiet fuq premessi;

Tiddeċiedi t-talba magħmula fit-3 ta' Marzu 2021 billi:

**Tiċħad** it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni u għalhekk;

**Tirrevoka** contrario imperio d-digriet tagħha tat-3 ta' Marzu 2021.

Spejjeż tal-proċeduri odjerni ikunu a kariku tas-soċjeta' rikorrenti.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**